# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2024**

**Rikors Numru 1409/2023 FDP**

Fl-ismijiet

**Stargate Studios Limited**
**(C 55605)**

**Vs**

**Dreamlight International Productions SL**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 14 ta' Diċembru 2023, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti talbet is-segwenti:

   *Illi fl-20 ta' Lulju 2020, il-partijiet daħlu fi VFX Services Agreement (Dok SS1)u fi din l-iskrittura kien hemm skeda ta' kif is-Soċjeta' Rikorrenti kellha titħallas;*

   *Illi s-Soċjeta' Attriċi bdiet tagħmel ix-xogħol tagħha billi kkreat images li kellhom jintużaw fi produzzjonijiet ta' film. Qed jiġi anness skeda ta' dawn ix-xogħolijiet ta' kreazzjoni ta' prodotti u qed jiġi mmarkat Dok SS2;*

   *Illi s-Soċjeta' Konvenuta ħallset lis-soċjeta' Attriċi s-somma ta' sitt mitt elf Euro (€600,000), iżda hemm bilanċ li għadu jrid jitħallas ta' mitejn elf Euro (€200,000) rappreżentanti ta' fattura datata 5 ta' Lulju 2021 (Dok SS3);*

   *Jgħid għalhekk il-bastiment konvenut għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:*

*1. Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal- Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara illi s-soċjeta' Konvenuta Dreamlight International Productions SL hija debitriċi tas-soċjeta' Attriċi Stargate Studios Malta Limited għas-somma ta' mitejn elf Euro (€200,000) oltre l-imgħax legali għas-servizzi deskritti fl-iskrittura ta' l-20 ta' Lulju 2020 ;*

*3. Tikkudanna lis-soċjeta' Dreamlight International Productions SL sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti Stargate Studios Limited is-somma ta' mitejn elf Euro (€200,000), oltre l-imgħax legali mid-data tal-fattura għar-raġunijiet kif fuq dettaljati;*

*Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra s-soċjeta' intimata li tibqa' nġunta minn issa għas-subizzjoni.*

2. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mar-rikors promotur.

3. Rat illi fit-2 ta' Frar 2024 il-kawża ġiet appuntata għat-12 ta' Marzu 2024 fid-09.30am.

4. Rat illi fit-2 ta' Frar 2024, is-soċjeta' rikorrenti ġiet awtorizzata tinnotifika lis-soċjeta' intimata permezz ta' Courier.

5. Rat illi fit-12 ta' Marzu 2024, is-soċjeta' rikorrenti għarrfet lill-Qorti li s-soċjeta' intimata ġiet notifikata iżda l-istess soċjetà intimata talbet żmien sabiex tipproduċi dokumentazzjoni biex tikkonferma dan.

6. Rat il-korrispondenza ippreżentata fit-13 ta' Marzu 2024 u datata 28 ta' Frar 2024 (fol 55) fejn jidher li s-soċjeta' intimata kienet a korrent tal-proċeduri odjerni.

7. Rat l-affidavit ta' Reuben Sciberras, rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, ippreżentat fit-12 ta' April 2024, (fol 57 sa 134) fejn ikkonferma illi s-soċjeta' intimata kienet ben a korrent tal-proċeduri odjerni, filwaqt illi kkonferma illi l-ammont mitlub kien għadu dovut.

8. Rat illi fl-24 ta' April 2024, is-soċjeta' rikorrenti ippreżentat dokumentazzjoni maħruġa minn TNT Fedex Express fejn jidher illi s-soċjeta' intimata ġiet notifikata fis-7 ta' Frar 2024 bid-dokument illi seħħ b'shipment number 370980104 (fol 136).

9. Rat in-Nota tal-Marixxal Anzjan ippreżentata fil-25 ta' April 2024, fejn spjega kif isir l-proċess tan-notifika bil-courier (fol 138).

10. Rat il-manifest ippreżentat mis-soċjeta' rikorrenti fit-8 ta' Mejju 2024 fejn indika illi d-dokument miġbur minn TNT mill-Qorti għan-notifika huwa shipment number 370980104 (fol 141).

11. Rat illi fil-21 ta' Mejju 2024, il-Qorti qieset illi nġiebu provi suffiċjenti biex juru illi fis-7 ta' Frar 2024, is-soċjeta' intimata ġiet debitament notifikata u li ma rrispondietx għall-atti odjerni, u għalhekk hija kontumaċi.

12. Rat illi fil-21 ta' Mejju 2024, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi l-ammont kien għadu dovut u ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

13. Rat illi fil-21 ta' Mejju 2024, abbażi tal-Artikolu 158 (10), il-Qorti, qabel ma tgħaddi biex tagħti s-sentenza, ikkonċediet żmien lis-soċjeta' intimata biex fiha tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub biex tiddefendi ruħha kontra t-talba tas-soċjeta' rikorrenti.

14. Rat illi, meta ssejjħet il-kawża llum, rappreżentant tas-soċjeta' intimata ma deherx u ma tressqu ebda sottomissjonijiet bil-miktub.

15. Rat illi għalhekk, il-kawża kienet posposta għas-sentenza.

16. Rat illi l-Qorti ma għandha ebda raġuni għaliex ma tilqax t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti.

## Konklużjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti tal-kawża;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi :

**Tiddikjara** illi s-soċjeta' konvenuta Dreamlight International Productions SL hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi Stargate Studios Malta Limited għas-somma ta' mitejn elf Euro (€200,000) oltre l-imgħax legali għas-servizzi deskritti fl-iskrittura ta' l-20 ta' Lulju 2020;

**Tikkudanna** lis-soċjeta' Dreamlight International Productions SL sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti Stargate Studios Limited is-somma ta' mitejn elf Euro (€200,000), oltre l-imgħax legali mid-data tal-fattura għar-raġunijiet kif fuq dettaljati;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament kontra s-soċjeta' intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**